

Brussell, 6 ta' Diċembru 2016
(OR. en)

15314/16

ECOFIN 1169	EDUC 420
CODEC 1837	SOC 781
POLGEN 162	EMPL 527
COMPET 650	EF 381
RECH 346	AGRI 660
ENER 433	TELECOM 274
TRANS 488	UEM 403
ENV 778	JAI 1063

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-indirizzar tal-ostakli għall-investiment identifikati taħt it-Tielet Pilastru tal-Pjan ta' Investiment

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet tal-Kunsill kif adottati mill-Kunsill fit-3506 laqgħa tiegħu li saret fis-6 ta' Diċembru 2016 fi Brussell.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

Dwar l-indirizzar tal-ostakli għall-investment identifikati taħt it-Tielet Pilastru tal-Pjan ta' Investment

Il-Kunsill (ECOFIN) adotta l-konklużjonijiet li ġejjin:

Għadd ta' żviluppi pożittivi fl-UE mill-kriżi ekonomika u finanzjarja dinjija 'l hawn juru r-reżiljenza u l-irkupru tal-ekonomija Ewropea. L-ekonomiji tal-Istati Membri kollha qed jerġgħu jikbru, l-investment reġa' qabad u nħolqu 8 miljun impjieg ġdid mill-2013 'l hawn. Madankollu, mill-kriżi ekonomika u finanzjarja dinjija 'l hawn, il-livell ta' investment fl-UE waqa' sostanzjalment. B'riżultat ta' dan, l-irkupru ekonomiku, il-ħolqien tal-impjiegi, it-tkabbir fit-tul u l-kompetittività huma mxekkla. F'dan il-kuntest il-Pjan ta' Investment għall-Ewropea ppreżentat f'Novembru 2014 għandu l-għan li jindirizza dan l-investment baxx permezz ta' tliet pilastru li jsaħħu lil xulxin: il-mobilizzazzjoni tal-finanzjament privat għall-investment; inizjattivi mmirati biex jiġi żgurat li l-investment jilħaq l-ekonomija reali u t-titjib tal-ambjent tal-investment bit-tneħħija tal-ostakli speċifiċi għas-settur jew ostakli oħrajn għall-investment.

Taħt l-ewwel pilastru, il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (EFSD) mistenni li jkun diġà mobilizza investment totali ta' EUR 154 biljun. Iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti, li jikkostitwixxi t-tieni pilastru, flimkien mal-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investment, ilu attiv minn Settembru 2015 u qed jipprovdi konsulenza għall-proġetti fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Barra minn hekk, il-Kunsill JIRRIKONNOXXI d-domanda aggregata bħala mutur tal-investment u JQIS li sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-opportunitajiet ipprovduti mill-Pjan ta' Investment, u biex jiġi mobilizzat l-effett multiplikatur tiegħu, miżuri rilevanti u adatti inkluż riformi strutturali biex jitneħħew l-ostakli għall-investment taħt l-hekk imsejjaħ "tielet pilastru" tal-pjan huma kritiċi. Dan jeħtieġ implimentazzjoni ta' aġenda ambizzjuża biex ikompli jissaħħaħ is-Suq Uniku, billi jkun hemm aktar prevedibbiltà regolatorja u jitneħħew l-ostakli li fadal għall-investment permezz ta' azzjonijiet ikkombinati fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri. F'dan l-isfond, il-Kunsill JILQA' l-ħidma li saret mill-Kumitat tal-Politika Ekonomika, f'kooperazzjoni mas-servizzi tal-Kummissjoni u tal-Bank Ewropew tal-Investment biex jiġu identifikati l-ostakli għall-investment.

Il-Kunsill JENFASIZZA li t-tlestija tas-Suq Uniku hija essenzjali biex l-objettivi tal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa jagħtu riżultat u jirnexxu. L-Ewropa għandha bżonn ta' ambjent regolatorju prevedibbli, li jnaqqas il-piż amministrattiv u jinkoraġġixxi l-investiment u jeħtieġ li taħdem b'mod attiv biex tilħaq dawn il-kondizzjonijiet. Kundizzjonijiet ta' qafas favorevoli għall-impriżi madwar is-Suq Komuni huma essenzjali sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-investiment. Għal dan il-għan il-Kunsill JILQA' l-isforzi tal-Kummissjoni biex ittejjeb l-ambjent tal-investiment tal-Ewropa u tiffaċilita l-finanzjament tal-ekonomija reali u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tkompli b'dawn l-isforzi fil-kuntest tal-Unjoni tal-Enerġija, l-Unjoni tas-Swieq Kapitali, l-Istrateġija tas-Suq Intern għal Oġġetti u Servizzi, l-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa, l-Aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar, kif ukoll il-Pakkett tal-Ekonomija Ċirkolari. Il-Kunsill JINNOTA l-proposta legiſlattiva tal-Kummissjoni li temenda d-Direttiva 2012/30/UE dwar il-proċeduri ta' insolvenza li ser tiġi vvalutata bħala kwistjoni ta' prijorità.

Il-Kunsill JENFASIZZA li aktar progress lejn iż-żieda tal-investiment fl-Ewropa, u s-suċċess tal-Pjan ta' Investiment jiddependu ħafna mill-implimentazzjoni tar-riformi strutturali biex jiġu indirizzati l-ostakli għall-investiment identifikati taħt it-tielet pilastru iżda, kif innota l-Kunsill f'Lulju 2016, il-progress lejn it-titjib tal-ambjent tal-investiment ma kienx biżżejjed s'issa.

Fid-dawl tal-ħidma li saret s'issa, il-Kunsill JENFASIZZA l-ostakli speċifiċi għall-investiment li ġejjin:

- L-ostakli l-aktar frekwenti għall-investiment huma pereżempju relatati ma' ambjent ta' negozju mhux favorevoli, ineffiċjenza fl-amministrazzjoni pubblika, bidliet frekwenti fir-regolazzjoni, id-daqs u l-istruttura tas-suq u piż amministrattiv u regolatorju għoli speċifiku għas-settur. F'xi pajjiżi, l-aċċess għall-finanzjament partikolarment għall-SMEs, is-sistemi ta' tassazzjoni kumplessi u/jew livell għoli ta' tassazzjoni fuq il-kapital, id-distorsjonijiet fis-swieq tal-prodotti u tax-xogħol u dgħufijiet fl-oqfsa tar-riċerka u l-innovazzjoni jistgħu wkoll ixeġklu l-investiment.

- **Investiment fl-Industriji tan-Netzwerks:** L-investiment fis-setturi tat-trasport, l-enerġija u t-telekomunikazzjoni kkombinati kkostitwixxa medja ta' madwar 3% tal-PDG għall-UE 28. Filwaqt li sikwit ikunu ta' natura speċifika għas-settur, hemm sinerġiji sostanzjali li dejjem qed jikbru bejn in-netwerks bejn is-setturi li qed jagħtu sura lid-dinamiki tas-swieq permezz ta' użi ġodda għall-infrastruttura u t-talba għal bidliet fil-mudelli ta' negozju. Fis-settur tal-enerġija, is-servizzi l-ġodda jiddependu mit-telekomunikazzjoni rapida u preċiża li twassal biex l-operaturi jinvestu fl-infrastruttura tal-broadband. Fis-settur tat-trasport, is-servizzi l-ġodda qed jiġu żviluppati abbażi ta' infrastrutturi elettriċi ta' kwalità u telekomunikazzjoni avvanzata.
- Filwaqt li dawn ivarjaw madwar l-UE, l-ostakli importanti li jxekklu l-investiment jinkludu n-nuqqas ta' interkonnessjoni tan-netwerks madwar l-UE, il-kumplexità u l-piż amministrattiv fil-qafas regolatorju, proċeduri twal tal-permessi, in-nuqqas ta' offerti kompetittivi li sikwit jillimitaw il-benefiċċju sħiħ tal-akkwist pubbliku, u ż-żmien maqbuż minħabba proċeduri legali u amministrattivi twal.
- **Fis-swieq tal-enerġija,** is-sinjali konsistenti tal-prezzijiet huma importanti għal allokkazzjoni tal-investiment ibbażata fuq is-suq u effiċjenti. Kwalunkwe intervent pubbliku għandu jkollu l-għan li jnaqqas kemm jista' jkun id-distorsjonijiet regolatorji u jindirizza l-inċentivi allinjati ħażin. Jeħtieġ li l-istrumenti għall-appoġġ tat-transizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju jiġu ddisinjati biex jiżguraw sostenibbiltà ambjentali, soċjali u fiskali biż-żmien.
- **Investiment fl-effiċjenza tal-enerġija u investiment residenzjali fl-enerġija rinnovabbli:** l-unitajiet domestiċi jista' jkollhom limitazzjonijiet speċifiċi li fit-tul iwasslu għal deċiżjonijiet subottimali dwar l-investiment. Dawn jistgħu jinkludu nuqqas ta' għarfien tal-ispejjeż u r-redditu reali tal-investiment peress li dawn ma jitqabblux biż-żmien. L-unitajiet domestiċi jistgħu wkoll jiffaċċaw aċċess limitat għall-finanzjament, bi hteiga ta' prodotti ta' finanzjament affordabbli biex il-konsumaturi jingħataw inċentiv, partikolarment l-unitajiet domestiċi bi dħul baxx, pereżempju permezz ta' soluzzjonijiet fuq skala kbira jew akkomunati, filwaqt li jiġu rispettati wkoll il-profil tar-riskju tagħhom. L-investimenti huma tipikament żgħar u sikwit jitqiesu biss bħala parti minn proġetti perjodiċi ta' rinnovazzjoni. Fil-każ tas-swieq tal-kiri, l-inċentivi jistgħu jinqasmu bejn is-sidien tal-bini u l-kerrejja.

- Investiment għall-Ekonomija Diġitali:** L-investiment fl-infrastruttura fiżika diġitali huwa kruċjali biex l-UE tibbenefika mill-mewġa ta' innovazzjoni li għabet magħha l-espansjoni tal-ekonomija diġitali u biex tibqa' kompetittiva. Madankollu, hemm ostakli importanti li jxekklu l-investiment. L-ispejjeż tal-mobilizzazzjoni għan-networks broadband b'kapaċità għolja ħafna huma għoljin u xi kultant mhux kummerċjalment vijabbli fiż-żoni b'popolazzjoni inqas densa. Id-Direttiva 2014/61/UE, li għandha l-għan li tgħin fit-tnaqqis ta' dawk l-ispejjeż, għad trid tiġi trasposta b'mod sħiħ u implimentata fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Proċeduri amministrattivi aktar rapidi u effiċjenti jgħinu wkoll fit-tnaqqis tal-ispejjeż. Is-swieq spiss ikunu nazzjonali u dan iżomm l-ispejjeż għoljin u jista' jxekkel it-twettiq tal-ekonomiji ta' skala. L-inċertezza dwar id-dħul ta' broadband b'kapaċità għolja ħafna fuq perijodu qasir timplika dħul mistenni baxx meta mqabbel mal-ispejjeż tal-investiment u dan irażżan l-investiment. F'xi pajjiżi, jeżistu wkoll ostakli oħrajn minbarra dawk marbutin mal-infrastruttura fiżika, bħal nuqqas ta' fiduċja fis-sistemi diġitali ta' sigurtà u ħiliet diġitali insuffiċjenti fost saffi tal-popolazzjoni.
- L-użu tas-Sħubiji Pubbliċi-Privati (PPPs):** Is-Sħubiji Pubbliċi-Privati jistgħu, meta jintużaw kif adatt, jirrappreżentaw faċilitatur għal tipi speċifiċi ta' investiment u joffru mod alternattiv li bih jingħataw assi u servizzi pubbliċi. Madankollu, bħala obbligi kuntrattwali fit-tul, dawn jeħtieġu impenn b'saħħtu u stabbli mis-sħab tas-settur pubbliku u privat u huma potenzjalment sors ta' riskju għall-finanzi pubbliċi. L-użu tagħhom spiss jiġi mxekkel minħabba kondizzjonijiet ta' qafas mhux favorevoli inkluż in-nuqqas ta' riżorsi amministrattivi, qafas regolatorju instabbli u ineffettiv u nuqqas ta' impenn politiku għall-investimenti fit-tul. F'ċerti ċirkostanzi l-fondi tal-UE jistgħu jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-PPPs, u l-bidliet reċenti fir-regolament għandhom jiffaċilitaw l-unjoni tal-fondi tal-UE mal-PPPs.
- Oqfsa ta' Insolvenza:** It-tkabbir ekonomiku u l-istabbiltà finanzjarja jibbenefikaw minn oqfsa ta' insolvenza li jaħdmu sew. Regoli ċari għall-proċeduri transfruntieri jistgħu jikkontribwixxu għal investiment transfruntier, kif ukoll għal inqas differenzi fis-sistemi ta' insolvenza bejn il-pajjiżi. Ir-reġimi ta' insolvenza jvarjaw b'mod sinifikanti madwar l-UE, fejn it-tul u l-ispiża tal-proċeduri, il-prevedibbiltà u t-trasparenza tagħhom, it-tieni opportunitajiet għall-intraprendituri u l-konsumaturi, u l-possibbiltà tar-ristrutturar tad-dejn kollha jvarjaw.

- L-ostakli importanti li jinħolqu b'oqfsa ta' insolvenza ineffiċjenti jistgħu jinkludu rati baxxi ta' rkupru għal min għandu jieħu l-flus, inkluż il-kredituri garantiti, l-użu possibbli tal-klassifikazzjoni prijoritarja tal-kredituri u nuqqas ta' proċeduri ta' ristrutturar effettivi u effiċjenti. Politiki ta' appoġġ adegwati li jgħinu biex jinkisbu l-benefiċċji tal-oqfsa ta' insolvenza effettivi jinkludu r-risoluzzjoni tas-Self Improduttiv inkluż permezz tal-ħolqien ta' suq sekondarju, fil-livell nazzjonali, u politiki tat-taxxa u prudenzjali adegwati biex jiġi żgurat it-trasferiment effettiv tad-dejn mitluf.
- Għad hemm potenzjal konsiderevoli biex ikomplu jiġu promossi **s-sinerġiji u l-komplementarjetà bejn l-istrumenti finanzjarji tal-UE** biex tiġi appoġġata l-unjoni fondi għall-proġetti ta' infrastruttura. Il-kumplessitajiet regolatorji u l-ostakli amministrattivi għall-użu tal-fondi tal-UE jistgħu jitnaqqsu permezz tal-prinċipji ewlenin ta' simplifikazzjoni u standardizzazzjoni tal-proċess, it-taħlit tal-istrumenti, u l-akkomunament tar-riżorsi irrispettivament mill-oriġini tagħhom.

Il-Kunsill JIEĦU NOTA tal-ostakli għall-investment identifikati b'din il-ħidma u JISTIEDEN lill-Kummissjoni tqis dawn is-sejbiet f'aktar abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet fil-qafas tas-Semestru Ewropew u JISTIEDEN lill-Istati Membri jimplimentaw b'mod sħiħ ir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill Speċifiċi għall-Pajjiż għall-2016 maħruġa fil-qafas tas-Semestru Ewropew u partikolarment dawk li jidentifikaw l-ostakli għall-investment.

Il-Kunsill JENFASIZZA l-bżonn li titkompla l-ħidma fuq l-identifikazzjoni tal-ostakli għall-investment u JISTIEDEN lill-Kumitat tal-Politika Ekonomika biex ikompli l-ħidma tematika tiegħu biex ikompli jidentifika l-ostakli għall-investment u l-aħjar Prattiki ta' politika biex jiġu indirizzati. Barra minn hekk, il-Kunsill JISTIEDEN lill-Bank Ewropew tal-Investment biex jikkomplementa l-ħidma tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika permezz tas-sejbiet tiegħu dwar il-barrieri u l-ostakli għall-investment identifikati fl-attivitajiet tiegħu bbażati fuq is-suq, b'mod partikolari fil-qafas tal-Pjan ta' Investment għall-Ewropa.